MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-15 ta' April, 2013

Numru. 748/2008

Il-Pulizija
(Sp Maurice Curmi)
vs
Roberto Stivala, iben Anthony, imwieled Attard fis-16 ta' Frar, 1970, karta ta' l-identita' numru 135070(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli f'Awwissu, 2007 u fiż-żminijiet ta' wara, f'dawn il-Gżejjer għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijjiet, dispozizzjonijiet jew obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;
2. talli fl-istess dati lokalitajiet u ċirkostanzi xjentement għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza;

3. talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta tagħrif falz;
4. talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor falsifikat.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nklużi x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet eżebita mill-avukat ta' l-imputat.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li Josette Mizzi kienet ġiet appuntata direttriċi tas-soċjeta' GA Properties Limited. Din il-kumpanija kienet sid ta' yacht bl-isem 'Diamond Head'. Kien sar ftehim ta' ħlas għal dan il-yacht u parti mill-ftehim kien li Josette Mizzi kellha tkun direttriċi ta' din is-soċjeta'. Il-Form I kienet ġiet prezentata lill-MFSA fit-30 ta' Marzu, 2007 fejn Josette Mizzi sostitwit lil Roberto Stivala, l-imputat, fil-kariga ta' direttur.

Illi fil-21 ta' Awwissu, 2007 l-imputat ipprezenta Form I lill-MFSA fejn iddikjara li Josette Mizzi ġiet sostitwita minn Robert Stivala bħala l-uniku direttur ta' din is-soċjeta'. Illi Josette Mizzi ddikjarat li hi qatt ma rrizentat bħala direttriċi u għalhekk id-dokument ipprezentat mill-imputat huwa falz u jikkontjeni dikjarazzjoni falza.

Illi mill-provi prodotti u mid-dokumenti eżebiti jirrizulta li l-benefiċarji tas-soċjeta' GA Prooperties Limited kienu jridu t-tneħħija ta' Josette Mizzi minn direttriċi ta' l-istess kumpanija.

Illi fl-10 ta' Settembru, 2007 id-'Diamond Head' kien imbiegħ mis-soċjeta' GA Properties Limited lis-soċjeta' JJ Limited u il-'bill of sale' kien ġie iffirmat minn Josette Mizzi meta din ma kinitx direttriċi tas-soċjeta' GA Properties Limited.

Illi minn dawn il-fatti jirrizulta ċar li l-imputat ma wettaq ebda att kriminali u kwalunkwe kumment ieħor hu żejjed.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------